**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0440/2023**

14.12.2023

*

# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri
(COM(2023)0242 – C9-0171/2023 – 2023/0136(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Esther de Lange, Margarida Marques



*Magħquda fid-diversità*

### *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........4

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........19

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........21

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........22

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri**
**(COM(2023)0242 – C9-0171/2023 – 2023/0136(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2023)0242),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 126(14), it-tielet subparagrafu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0171/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0440/2023),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW[*]

għall-proposta tal-Kummissjoni

---------------------------------------------------------

2023/0136 (NLE)

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 126(14), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fil-qasam tal-politika baġitarja, u b'mod partikolari fir-rigward tal-evitar ta' defiċits eċċessivi tal-gvern, id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE[1] stabbiliet regoli dettaljati dwar il-karatteristiċi tal-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.

(2) Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza miksuba bl-unjoni ekonomika u monetarja minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2011/85/UE, huwa meħtieġ li jiġu emendati r-rekwiżiti tagħha rigward ir-regoli u l-proċeduri li jiffurmaw l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.

---

[*] Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41).

(3) Fl-2019, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat rapport li jeżamina r-rekwiżiti tal-Unjoni dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali u li jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex tirrieżamina dawk ir-rekwiżiti, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali u l-aħjar prattika. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri pproponiet azzjonijiet speċifiċi biex ittejjeb l-ambitu u l-effettività tal-oqfsa baġitarji nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-oqfsa baġitarji ta' terminu medju u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti[2].

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2020[3] indikat progress sostanzjali iżda mhux uniformi fl-iżvilupp ta' oqfsa baġitarji nazzjonali meta wieħed iqis li d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi biss rekwiżiti minimi u li l-implimentazzjoni u l-konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali kienu diversi ħafna. Dik il-Komunikazzjoni qieset ukoll sa fejn il-qafas jappoġġa l-ħtiġijiet ekonomiċi, ambjentali u tal-politika soċjali relatati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u diġitali, filwaqt li jikkomplementa r-rwol ewlieni tal-ambjent regolatorju u tar-riformi strutturali.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[4] talbet li jsir użu akbar ta' għodod ta' bbaġitjar ekoloġiku biex l-investiment pubbliku, il-konsum u t-tassazzjoni jiġu diretti mill-ġdid lejn prijoritajiet ekoloġiċi u lil hinn minn sussidji dannużi. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tistabbilixxi objettiv ta' newtralità klimatika għall-Unjoni kollha sal-2050 u tirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu progress fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li taħdem mal-Istati Membri biex tevalwa u tagħmel analiżi komparattiva tal-prattiki tal-ibbaġitjar ekoloġiku. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2021 dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima[5] indikat ir-rilevanza makrofiskali tat-tibdil fil-klima u enfasizzat il-ħtieġa li tiżdied ir-reżiljenza tal-Unjoni għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Is-Semestru Ewropew jipprovdi qafas addizzjonali biex jappoġġa dawn l-isforzi u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku joffri assistenza prattika għall-implimentazzjoni tagħhom.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE[6] enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn u li jitnaqqsu l-proporzjonijiet għoljin tad-dejn pubbliku filwaqt li ***jiġu promossi t-tkabbir*** sostenibbli u inklużiv ***u r-reżiljenza*** fl-Istati Membri kollha. L-objettivi ewlenin tal-orjentazzjonijiet huma li tittejjeb is-sjieda nazzjonali, jiġi ssimplifikat il-qafas u ssir trasformazzjoni lejn fokus akbar ta' terminu medju, flimkien ma' infurzar aktar b'saħħtu u aktar koerenti.

(7) Sabiex tissaħħaħ il-konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE, u sabiex tiġi evitata b'mod partikolari l-proċedura għal defiċit eċċessiv tal-gvern stabbilita fl-Artikolu 126 tat-TFUE, jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi fil-liġi tal-Istati Membri

---

2 Ir-rapport speċjali tal-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Ir-rekwiżiti tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali: jeħtieġ li jissaħħu aktar u jeħtieġ li l-applikazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata aħjar".

3 Il-Komunikazzjoni COM(2020) 55 final tal-5 ta' Frar 2020 mill-Kummissjoni "Rieżami tal-governanza ekonomika, Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE".

4 Il-Komunikazzjoni COM(2019) 640 final tal-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew".

5 Il-Komunikazzjoni COM(2021) 82 final tal-Kummissjoni "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima".

6 Il-Komunikazzjoni COM(2022) 583 final tal-Kummissjoni "dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE".

biex tissaħħaħ is-sjieda nazzjonali, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, lil hinn minn dawk attwalment meħtieġa mid-Direttiva 2011/85/UE. Filwaqt li jibnu fuq l-evidenza tal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva, jenħtieġ li l-emendi jkopru wkoll dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza u l-istatistika, it-tbassir u l-ibbaġitjar ta' terminu medju biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati matul l-implimentazzjoni.

(8) Din id-Direttiva hija parti minn pakkett flimkien mar-Regolament (UE) [XXX][7] tal-Parlament u tal-Kunsill li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1466/97[8] (il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir) u r-Regolament tal-Kunsill [XXX][9] li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97[10] (il-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir). Flimkien, jistabbilixxu qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-Unjoni li jinkorpora fid-dritt tal-Unjoni s-sustanza tat-Titolu III "Patt Fiskali" tat-Trattat intergovernattiv dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja[11], f'konformità mal-Artikolu 16 tiegħu. It-Titolu III huwa vinkolanti fuq l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u, fuq bażi volontarja, fuq il-Bulgarija, id-Danimarka u r-Rumanija. Billi jibni fuq l-esperjenza bl-implimentazzjoni tat-TSKG mill-Istati Membri, il-pakkett iżomm l-orjentazzjoni tal-Patt Fiskali ta' terminu medju bħala għodda biex jinkisbu d-dixxiplina baġitarja u l-promozzjoni tat-tkabbir. Il-pakkett jinkludi dimensjoni msaħħa speċifika għall-pajjiż immirata lejn it-tisħiħ tas-sjieda nazzjonali, inkluż permezz ta' rwol aktar b'saħħtu għall-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, li jibbaża fuq il-prinċipji komuni tal-Patt Fiskali proposti mill-Kummissjoni[12] f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TSKG. L-analiżi tan-nefqa netta mill-miżuri ta' dħul diskrezzjonali għall-valutazzjoni ġenerali tal-konformità meħtieġa mill-Patt Fiskali hija stabbilita fir-Regolament [XXX] li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1466/97. Bħal fil-Patt Fiskali, devjazzjonijiet temporanji mill-pjan ta' terminu medju huma permessi biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fir-Regolament [XXX] li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1466/97. Bl-istess mod, f'każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti mill-pjan ta' terminu medju, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri sabiex jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien definit. Il-pakkett isaħħaħ is-sorveljanza fiskali u l-proċeduri ta' infurzar biex jitwettaq l-impenn li jiġu promossi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli. Għalhekk, ir-riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika żżomm l-objettivi fundamentali tad-dixxiplina baġitarja u s-sostenibbiltà tad-dejn stabbiliti fit-TSKG.

▌

---

[7] Ir-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [*daħħal id-data*] [*daħħal it-titolu sħiħ*] (ĠU L ..).

[8] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1).

[9] Ir-Regolament (UE) tal-Kunsill ta' [*daħħal id-data*] [*daħħal it-titolu sħiħ*] (ĠU L ..).

[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

[11] It-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja tat-2 ta' Marzu 2012.

[12] Il-Komunikazzjoni COM(2012) 342 final tal-20 ta' Ġunju 2012 tal-Kummissjoni "Prinċipji komuni dwar mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali".

(10) Id-disponibbiltà ta' data ta' frekwenza għolja tista' tiżvela xejriet li jiġġustifikaw sorveljanza aktar mill-qrib u ttejjeb il-kwalità tat-tbassir baġitarju. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (il-Eurostat) jenħtieġ li jippubblikaw data bbażata fuq il-flus kontanti, data trimestrali dwar id-deficit u d-dejn bl-applikazzjoni tad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' deficit eċċessiv anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE. Il-pubblikazzjoni ta' data baġitarja bi frekwenza ogħla li tkun imfassla għad-definizzjonijiet baġitarji nazzjonali jenħtieġ li tiġi ddeterminata abbażi tar-rekwiżiti nazzjonali ta' trasparenza u l-ħtiġijiet tal-utenti, biex tittejjeb is-sjieda nazzjonali.

(11) It-tbassir makroekonomiku u baġitarju preġudikati u mhux realistiċi għal-leġiżlazzjonijiet baġitarji annwali u pluriennali jistgħu jfixklu konsiderevolment l-effettività tal-ippjanar fiskali u konsegwentement ixekklu l-impenn favur id-dixxiplina baġitarja. Sabiex jittejbu s-suppożizzjonijiet tal-linja bażi u jiġu pprovduti valutazzjonijiet imparzjali tal-impatt fiskali ta' diversi miżuri ta' politika, it-tbassir makroekonomiku u dak baġitarju tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġu prodotti***, appoġġati jew, fejn applikabbli skont ir-regoli nazzjonali, approvati*** minn istituzzjoni fiskali indipendenti.

(12) It-tbassir makroekonomiku u baġitarju jenħtieġ li jiġu soġġetti għal evalwazzjonijiet regolari, oġġettivi u komprensivi mwettqa minn korp indipendenti sabiex tittejjeb il-kwalità tagħhom. Dawk l-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu skrutinju tas-suppożizzjonijiet ekonomiċi, tqabbil mat-tbassir imħejji minn istituzzjonijiet oħrajn, u evalwazzjoni tal-prestazzjoni tat-tbassir fil-passat.

(13) Il-korpi indipendenti inkarigati mill-monitoraġġ tal-finanzi pubbliċi fl-Istati Membri ***jistgħu jservu ta' appoġġ biex jiżviluppaw*** oqfsa baġitarji effettivi. Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] jirrikjedi li l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jkollhom istituzzjonijiet fiskali indipendenti inkarigati mill-produzzjoni***, appoġġ, jew, fejn applikabbli skont ir-regoli nazzjonali, l-approvazzjoni*** ta' tbassir makroekonomiku u jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi fir-rigward tal-indipendenza u l-kapaċità teknika tagħhom. Minħabba l-kontribut pożittiv għall-finanzjament pubbliku ta' korpi indipendenti, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiġu estiżi għall-Istati Membri kollha. Sabiex ***tittejjeb is-sostenibbiltà*** fiskali u tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-politika fiskali, dawn il-korpi jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-ippjanar baġitarju billi jew jipproduċu***, jappoġġjaw, jew, fejn applikabbli skont ir-regoli nazzjonali, japprovaw*** it-tbassir u l-analiżijiet tad-dejn użati mill-gvern, u billi jwettqu valutazzjonijiet indipendenti tal-politiki fiskali u jimmonitorjaw il-konformità mal-qafas fiskali.

(14) Sabiex tinkiseb responsabbiltà msaħħa fil-politika fiskali, l-istituzzjonijiet fiskali jenħtieġ li jkollhom grad għoli ta' indipendenza operazzjonali, ir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom***, inkluż persunal adegwat u finanzjament,*** u aċċess estensiv u f'waqtu għall-informazzjoni meħtieġa. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw diversità ta' fehmiet u sfondi fil-kompożizzjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet.***

---

[13] Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

(15) Sabiex jittejjeb l-ippjanar baġitarju, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lir-riskji makrofiskali mit-tibdil fil-klima u lill-implikazzjonijiet tal-politiki relatati mal-klima dwar il-finanzi pubbliċi fuq terminu medju u twil. Il-fehim tal-kanali li permezz tagħhom ix-xokkijiet relatati mal-klima jaffettwaw l-ekonomija u l-finanzi pubbliċi huwa kruċjali għall-istrateġiji nazzjonali biex jiġi llimitat u ġestit ir-riskju fiskali li jirriżulta mit-tibdil fil-klima u minn diżastri relatati.

(16) Perspettiva ta' sena waħda għall-ippjanar baġitarju tipprovdi bażi limitata għal politiki fiskali sodi, peress li l-biċċa l-kbira tal-miżuri għandhom implikazzjonijiet li jmorru ferm lil hinn miċ-ċiklu baġitarju annwali. Bħala tali, l-ippjanar fiskali pluriennali effettiv isaħħaħ il-kredibbiltà tal-politika fiskali filwaqt li jqis is-sostenibbiltà tad-dejn. L-ippjanar effettiv ta' terminu medju jibbaża fuq definizzjoni ċara u konsistenti tal-objettivi baġitarji nazzjonali fuq terminu medju, li huma ppreżentati fi pjanijiet nazzjonali ta' terminu medju. Sabiex tissaħħaħ perspettiva baġitarja pluriennali, l-ippjanar tal-leġiżlazzjoni baġitarja annwali jenħtieġ li jkun konsistenti mal-objettivi pluriennali stabbiliti f'oqfsa baġitarji ta' terminu medju.

(17) Biex ikunu effettivi fil-promozzjoni tad-dixxiplina baġitarja u tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, l-oqfsa baġitarji jenħtieġ li jkopru l-finanzi pubbliċi b'mod komprensiv. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-operazzjonijiet ta' dawk il-korpi tal-amministrazzjoni pubblika u fondi li ma jiffurmawx parti mill-baġits regolari fil-livell tas-sottosettur u li għandhom impatt immedjat jew fuq terminu medju fuq il-pożizzjonijiet baġitarji tal-Istati Membri. Il-valuri tal-impatt ikkombinat fuq il-bilanċi u d-djun tal-amministrazzjoni pubblika ta' dawk l-operazzjonijiet jenħtieġ li jiġu ppreżentati fil-qafas tal-proċessi baġitarji annwali u fil-pjanijiet baġitarji fuq terminu medju, li jkopru l-impatti li jirriżultaw minn operazzjonijiet futuri u obbligazzjonijiet pendenti u ġodda mistennija.

(18) Bl-istess mod, it-trasparenza rigward it-tip u d-daqs tal-infiq tat-taxxa u t-telf mid-dħul li jirriżulta hija meħtieġa sabiex tipprovdi fehim aktar profond tal-punt sa fejn il-politika fiskali u l-ippjanar baġitarju huma allinjati mal-prijoritajiet tal-gvern.

(19) L-għodod tal-ibbaġitjar ekoloġiku jistgħu jgħinu biex id-dħul u n-nefqa pubbliċi jiġu diretti mill-ġdid lejn prijoritajiet ekoloġiċi. F'dak ir-rigward, ir-rapportar affidabbli u regolari ta' informazzjoni komprensiva, utli u aċċessibbli jtejjeb id-deliberazzjonijiet baġitarji. Dan ifisser ir-rapportar ta' data dwar kif id-dħul jirrifletti l-ħtieġa li jiġi żgurat li jiġi rifless il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, u mbagħad dwar kif in-nefqa tirrifletti l-prijoritajiet ekoloġiċi kemm b'mod favorevoli kif ukoll mhux favorevoli. L-Istati Membri jenħtieġ li jippubblikaw l-informazzjoni dwar kif l-elementi rilevanti tal-baġits tagħhom jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-impenji nazzjonali u internazzjonali klimatiċi u ambjentali u l-metodoloġija użata. L-Istati Membri jenħtieġ li jippubblikaw id-data u l-informazzjoni deskrittiva separatament għall-entrati tan-nefqa, tan-nefqa tat-taxxa u tad-dħul. L-Istati Membri huma mistiedna jippubblikaw informazzjoni dwar l-impatt distribuzzjonali tal-politiki baġitarji u jqisu l-aspetti tal-impjiegi, soċjali u distributtivi fl-iżvilupp tal-ibbaġitjar ekoloġiku[14].

---

[14] Il-Komunikazzjoni COM(2022)494 final tat-28 ta' Settembru 2022 tal-Kummissjoni "Valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati" u l-Artikolu 6(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-

(20) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-eżistenza tal-obbligazzjonijiet kontinġenti. B'mod aktar speċifiku, l-obbligazzjonijiet kontinġenti jkopru obbligazzjonijiet possibbli li jiddependu fuq l-okkorrenza ta' avveniment futur inċert, jew obbligazzjonijiet preżenti fejn x'aktarx il-ħlas ma jsirx jew l-ammont tal-ħlas probabbli ma jkunx jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Dawn jinkludu, pereżempju, garanziji tal-gvern, self improduttiv, obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, u spejjeż u obbligi potenzjali li jirriżultaw minn kawżi tal-qorti u obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mad-diżastri.

(21) Id-diżastri naturali u l-avvenimenti estremi tat-temp affettwaw il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u t-tibdil fil-klima huwa mistenni li jamplifika l-frekwenza u l-intensità ta' dawn l-avvenimenti. Il-gvernijiet jinvestu f'miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima u jieħdu passi biex ikopru l-kostijiet tad-diżastri għal assistenza ta' emerġenza, irkupru u rikostruzzjoni u biex jaġixxu bħala assiguratur tal-aħħar istanza f'xi każijiet. Meta jitqiesu l-isfidi eżistenti u futuri għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-obbligi u għar-riskji tal-gvern għall-finanzi tal-gvern li jirriżultaw minn diżastri naturali u avvenimenti relatati mal-klima, il-bidu bil-ġbir u bil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar it-telf ekonomiku u l-kost fiskali ta' avvenimenti tal-passat kif ukoll informazzjoni dwar l-arranġamenti baġitarji u l-istrumenti finanzjarji użati għal dik il-kwistjoni.

(22) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli timmonitorja regolarment l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/85/UE. Jenħtieġ li jiġu identifikati u kondiviżi l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(23) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/85/UE tiġi emendata bix-xieraq,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Id-Direttiva 2011/85/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel paragrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandha tapplika d-definizzjoni tas-sottobsetturi tal-amministrazzjoni pubblika stabbilita fl-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

___________

*ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1."

monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

(b) it-tieni paragrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) is-sistemi ta' kontabbiltà tas-settur pubbliku u rapportar tal-istatistika;"

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) ir-regoli fiskali numeriċi speċifiċi għall-pajjiż, li jikkontribwixxu għall-konsistenza tat-twettiq tal-politika fiskali mill-Istati Membri mal-obbligi rispettivi tagħhom skont it-TFUE, imfissra f'termini ta' indikatur sommarju tal-prestazzjoni baġitarja, bħad-deficit, is-self, id-dejn tal-baġit tal-gvern, jew komponent maġġuri tiegħu;"

(iii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju bħala sett speċifiku ta' proċeduri baġitarji nazzjonali li jestendu l-perjodu għat-tfassil tal-politika fiskali lil hinn mill-kalendarju baġitarju annwali, inkluż l-istabbiliment tal-prijoritajiet ta' politika u tal-objettivi baġitarji nazzjonali fuq it-terminu medju;"

(iv) jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) istituzzjonijiet fiskali indipendenti bħala korpi strutturalment indipendenti jew korpi li għandhom awtonomija funzjonali fir-rigward tal-awtoritajiet baġitarji tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8."

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fir-rigward tas-sistemi nazzjonali tal-kontabbiltà pubblika, l-Istati Membri għandu jkollhom, sal-2030, sistemi tal-kontabbiltà ▌ integrati, komprensivi u armonizzati fil-livell nazzjonali li jkopru s-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika u li jinkludu l-informazzjoni ▌ meħtieġa biex titħejja data bbażata fuq l-ESA 2010. Dawk is-sistemi ta' kontabbiltà finanzjarja tas-settur pubbliku għandhom jiġu soġġetti għal kontroll intern u awditi indipendenti.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw disponibbiltà pubblika f'waqtha u regolari tad-data fiskali għas-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika kif huwa stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw data trimestrali dwar id-dejn u d-deficit separatament għall-fondi tal-gvern ċentrali, tal-gvern tal-Istat, tal-gvern lokali u tas-sigurtà soċjali, qabel

tmiem it-trimestru ta' wara jew wara l-pubblikazzjoni tad-data rilevanti mill-Kummissjoni (il-Eurostat).
3. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tippubblika d-data trimestrali tal-istatistika finanzjarja tal-gvern f'konformità mat-tabelli 25, 27 u 28 tal-Anness B tar-Regolament (UE) Nru 549/2013, kull 3 xhur.

___________

*ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1."

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. "1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ippjanar fiskali annwali u pluriennali jkun ibbażat fuq tbassir makroekonomiku u baġitarju realistiċi bl-użu tal-aktar informazzjoni aġġornata. L-ippjanar baġitarju għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju makrofiskali l-aktar probabbli jew fuq xenarju aktar prudenti. It-tbassir makroekonomiku u baġitarju għandhom jiġu prodotti***, appoġġati*** jew***, fejn applikabbli skont ir-regoli nazzjonali,*** approvati minn istituzzjonijiet fiskali indipendenti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8. Dawn għandhom jitqabblu mal-aktar tbassir aġġornat tal-Kummissjoni. Id-differenzi sinifikanti bejn it-tbassir makroekonomiku u baġitarju tal-Istat Membru u t-tbassir tal-Kummissjoni għandhom jiġu spjegati, inkluż meta l-livell jew it-tkabbir tal-fatturi varjabbli fis-suppożizzjonijiet esterni jitbiegħed b'mod sinifikanti mill-valuri li jinsabu fit-tbassir tal-Kummissjoni."

(c) il-paragrafu 4 jitħassar.

(d) il-paragrafi 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw liema istituzzjoni hija responsabbli għall-produzzjoni ta' tbassir makroekonomiku u baġitarju. Mill-inqas darba fis-sena l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandu jkollhom djalogu tekniku dwar is-suppożizzjonijiet li fuqhom hija bbażata t-tħejjija tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju.

6. It-tbassir makroekonomiku u baġitarju għall-ippjanar fiskali annwali u pluriennali prodott mill-istituzzjonijiet nazzjonali għandu jkun soġġett għal evalwazzjoni regolari, oġġettiva u komprensiva minn korp indipendenti, inkluża evalwazzjoni *ex post*. Ir-riżultat ta' dik l-evalwazzjoni għandu jiġi ppubblikat u jitqies kif xieraq fit-tbassir makroekonomiku u baġitarju futuri. Jekk l-evalwazzjoni tidentifika preġudizzju sinifikanti li jaffettwa t-tbassir makroekonomiku fuq perjodu ta' mill-inqas 4 snin konsekuttivi, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa u jippubblikah."

(e) il-paragrafu 7 jitħassar.

(4) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli fiskali numeriċi li jkunu speċifiċi għalih biex jippromwovu b’mod effettiv il-konformità mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mit-TFUE fil-qasam tal-ippjanar fiskali fuq perjodu pluriennali għall-amministrazzjoni pubblika kollu kemm hu. Dawn ir-regoli għandhom jippromwovu b’mod partikolari:

(a) il-konformità mal-valuri referenzjali u d-dispożizzjonijiet dwar id-defiċit u d-dejn stabbiliti f’konformità mat-TFUE;

(b) l-adozzjoni ta’ perjodu ta’ ppjanar fiskali pluriennali, konsistenti mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament [XXX il-parti preventiva tal-SGP].*

___________________

Ir-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ [*daħħal id-data*] [*daħħal it-titolu sħiħ*] (ĠU L ..).”

(5) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) Il-monitoraġġ effettiv u f’waqtu tal-konformità mar-regoli, abbażi ta’ analiżi affidabbli u indipendenti mwettqa minn istituzzjonijiet fiskali indipendenti stabbiliti f’konformità mal-Artikolu 8.” ;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Jekk ir-regoli fiskali numeriċi jkollhom fihom klawżoli liberatorji, dawn il-klawżoli għandhom jistabbilixxu għadd limitat ta’ ċirkostanzi speċifiċi konsistenti mal-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw mit-TFUE u mir-Regolament [XXX il-parti preventiva tal-SGP], u proċeduri stretti għal meta huwa permess nuqqas ta’ konformità temporanju mar-regoli. Il-klawżoli liberatorji għandu jkollhom limiti ta’ żmien ċari.”

(6) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 7

Il-leġiżlazzjoni tal-baġit annwali tal-Istati Membri għandha tkun konsistenti mar-regoli fiskali numeriċi speċifiċi għall-pajjiż li fih ikunu fis-seħħ.”

(7) Fil-Kapitolu V, it-titolu huwa sostitwit bi “ISTITUZZJONIJIET FISKALI

INDIPENDENTI"

(8) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li istituzzjonijiet fiskali indipendenti, bħal korpi strutturalment indipendenti jew korpi b'awtonomija funzjonali fir-rigward tal-awtoritajiet baġitarji tal-Istati Membri, ikunu stabbiliti bil-liġijiet, bir-regolamenti jew bid-dispożizzjonijiet amministrattivi vinkolanti nazzjonali***, u jkollhom persunal u finanzjament adegwati***.

2. L-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu magħmulin minn membri nominati u maħtura abbażi tal-esperjenza u l-kompetenza tagħhom fil-finanzi pubbliċi, fil-makroekonomija jew fil-ġestjoni baġitarja, u permezz ta' proċeduri trasparenti. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw diversità ta' fehmiet u sfondi fil-kompożizzjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet.***

3. L-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) ma għandhomx jirċievu struzzjonijiet mill-awtoritajiet baġitarji tal-Istat Membru kkonċernat jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor;

(b) għandu jkollhom il-kapaċità li jikkomunikaw pubblikament dwar il-valutazzjonijiet u l-opinjonijiet tagħhom fil-ħin;

***(ba) għandhom jippermettu d-divulgazzjoni ta' pożizzjonijiet minoritarji u diverġenti f'tali valutazzjonijiet u opinjonijiet;***

(c) għandu jkollhom riżorsi proprji adegwati u stabbli biex iwettqu l-mandat tagħhom b'mod effettiv, inkluż kwalunkwe tip ta' analiżi fil-mandat tagħhom;

(d) għandu jkollhom aċċess adegwat u f'waqtu għall-informazzjoni meħtieġa biex jissodisfaw il-mandat tagħhom;

(e) għandhom jiġu soġġetti għal evalwazzjonijiet esterni regolari minn evalwaturi indipendenti;

***(ea) għandhom jiskambjaw regolarment l-aħjar prattiki bejniethom ikkoordinati mill-Bord Fiskali Ewropew (EFB);***

***(eb) għandhom jikkonsultaw b'mod regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.***

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikollhom il-kompiti li ġejjin:

(a) jipproduċu t-tbassir makroekonomiku u baġitarju annwali u pluriennali sottostanti għall-ippjanar ta' terminu medju tal-gvern jew ***jappoġġjaw, jew, fejn applikabbli skont ir-regoli nazzjonali, japprovaw l-ippjanar*** mill-awtoritajiet baġitarji;

(b) jipproduċu valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà tad-dejn li huma l-bażi tal-ippjanar ta' terminu medju tal-gvern mill-awtoritajiet baġitarji ***jew jappoġġjaw jew, fejn applikabbli skont ir-regoli nazzjonali, japprovaw il-valutazzjoni***;

(c) jipproduċu valutazzjonijiet dwar l-impatti tal-politiki***, inklużi l-impenji ta' riforma u investiment skont il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali ta' terminu medju,*** fuq is-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inkluživ mill-awtoritajiet baġitarji ***jew jappoġġjawhom jew, fejn applikabbli skont ir-regoli nazzjonali, japprovawhom***;

(d) jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli fiskali numeriċi speċifiċi għall-pajjiż f'konformità mal-Artikolu 6;

(e) jimmonitorjaw il-konformità mal-qafas fiskali tal-Unjoni f'konformità mar-Regolamenti [XXX il-parti preventiva tal-SGP] u [XXX il-parti korrettiva tal-SGP] *;

(f) iwettqu, fuq bażi regolari, rieżamijiet tal-qafas baġitarju nazzjonali, sabiex jiġu vvalutati***, fost affarijiet oħra, il-konsistenza***, il-koerenza u l-effettività tal-qafas, inklużi

mekkaniżmi u regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet fiskali bejn l-awtoritajiet pubbliċi fis-sottosetturi tal-amministrazzjoni pubblika;

(g) jipparteċipaw f'seduti u diskussjonijiet regolari fil-Parlament nazzjonali ***u jkunu disponibbli biex jipprovdu analiżi teknika u pariri lill-Parlament nazzjonali fuq talba***.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet baġitarji tal-Istat Membru kkonċernat jikkonformaw mal-valutazzjonijiet jew mal-opinjonijiet maħruġa mill-istituzzjonijiet fil-kuntest tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 4. Meta tali awtoritajiet baġitarji ma jikkonformawx ma' dawk il-valutazzjonijiet jew l-opinjonijiet, dawn għandhom jiġġustifikaw pubblikament id-deċiżjoni li ma jikkonformawx fi żmien xahar mill-ħruġ ta' dawn il-valutazzjonijiet jew opinjonijiet.

---

* Ir-Regolament (UE) tal-Kunsill ta' [daħħal id-data] [daħħal it-titolu sħiħ] (ĠU L ..).

(9) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas baġitarju kredibbli, effettiv, għal perjodu medju li jipprevedi l-adozzjoni ta' perjodu ta' ppjanar fiskali ta' mill-inqas 4 snin biex ikun żgurat li l-ippjanar fiskali nazzjonali jsegwi perspettiva ta' ppjanar fiskali pluriennali."

b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) objettivi baġitarji pluriennali komprensivi u trasparenti kif imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (e) f'termini tad-defiċit, tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika, tad-dejn u ta' kwalunkwe indikatur fiskali sommarju ieħor bħan-nefqa, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ikunu konsistenti ma' kwalunkwe regola fiskali numerika speċifika għall-pajjiż kif previst fil-Kapitolu IV ta' din id-Direttiva u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament [XXX il-parti preventiva tal-SGP].";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) deskrizzjoni tal-politiki ta' terminu medju, inklużi l-investiment u r-riformi, ***u jekk applikabbli, li tispeċifika l-investimenti u r-riformi fil-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 12, il-punt (ba), tar-Regolament [dwar il-parti preventiva],*** previsti b'impatt fuq il-finanzi tal-amministrazzjoni pubblika***, ir-reżiljenza*** u t-tkabbir sostenibbli u inkluživ, imqassma skont l-entrata ewlenija tad-dħul u n-nefqa, billi jintwera kif jinkiseb l-aġġustament lejn l-objettivi baġitarji

nazzjonali fuq terminu medju kif imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (e), meta mqabbel mal-projezzjonijiet taħt politiki mhux mibdula.";

(iii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) valutazzjoni dwar kif fid-dawl tal-impatt dirett tagħhom fuq terminu medju u twil fuq il-finanzi tal-amministrazzjoni pubblika, il-politiki previsti aktarx jaffettwaw is-sostenibbiltà fuq terminu medju u fuq terminu twil tal-finanzi pubbliċi u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Il-valutazzjoni għandha tispeċifika, sa fejn ikun possibbli ***u abbażi ta' metodoloġija xjentifika trasparenti u replikabbli***, ir-riskji makrofiskali mit-tibdil fil-klima u l-impatti ambjentali u distributtivi tagħhom, u l-implikazzjonijiet fuq il-finanzi pubbliċi tal-politiki ta' mitigazzjoni u adattament relatati mal-klima fuq it-terminu medju u t-terminu twil";

c) il-paragrafu 3 jitħassar;

(10) L-Artikoli 10 u 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Il-leġiżlazzjoni baġitarja annwali għandha tkun konsistenti mal-objettivi baġitarji nazzjonali fuq terminu medju kif imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (e). Kwalunkwe devjazzjoni għandha tiġi spjegata kif xieraq.";

Artikolu 11

Din id-Direttiva ***ma għandhiex*** timpedixxi gvern ġdid ta' Stat Membru milli jaġġorna l-pjan ***ta' qafas*** baġitarju tiegħu ta' terminu medju biex jirrifletti l-prijoritajiet politiċi ġodda tiegħu***, madankollu dan ma għandux jitħeġġeġ, peress li dan jimplika telf ta' momentum, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma***. F'dan il-każ, il-gvern il-ġdid għandu jindika d-differenzi mill-pjan baġitarju preċedenti u ta' terminu medju l-ġdid. ***L-ambizzjoni tar-riformi u l-investimenti fil-pjan rivedut ma għandhiex tkun inqas mill-pjan oriġinali***.";

(11) fil-Kapitolu VI, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej: "TRASPARENZA FIL-FINANZI TAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA"

(12) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f'konformità mal-Kapitoli II, III u IV tkun konsistenti fis-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika u tkopri b'mod komprensiv dawk is-sottosetturi. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jirrikjedu regoli u proċeduri tal-kontabbiltà tas-settur pubbliku konsistenti, u l-integrità tas-sistemi tal-ġbir u tal-ipproċessar tad-data sottostanti tagħhom.";

(13) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14

1. Fil-qafas tal-proċessi tal-leġiżlazzjoni baġitarja annwali u pluriennali, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw korpi u fondi li ma jagħmlux parti mill-baġits regolari iżda li huma parti mill-amministrazzjoni pubblika, inklużi sottosetturi tal-amministrazzjoni pubblika. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ukoll valuri li jikkorrispondu għall-impatt ikkombinat fuq il-bilanċi u d-djun tal-amministrazzjoni pubblika ta' dawk il-korpi u l-fondi fejn l-impatt fuq il-bilanċi għandu jinkludi operazzjonijiet tal-passat u futuri mistennija u l-impatt fuq id-djun għandu jinkludi obbligazzjonijiet ġodda pendenti u mistennija.

2. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw informazzjoni dettaljata dwar l-impatt tal-infiq tat-taxxa fuq id-dħul għall-objettivi baġitarji nazzjonali kif huwa msemmi fl-Artikolu 2, il-punt (e), abbażi ta' metodoloġija trasparenti.

3. Għas-sottosetturi kollha ta' amministrazzjoni pubblika, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw informazzjoni rilevanti dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti b'impatt potenzjalment kbir fuq il-baġits pubbliċi, inklużi l-garanziji tal-gvern, is-self mhux produttiv u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, ▌ inkluż il-limitu tagħhom. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ukoll, sa fejn ikun possibbli, informazzjoni dwar obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mad-diżastri u mal-klima. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw informazzjoni dwar sejħiet preċedenti fuq garanziji u nefqa ta' darba rreġistrati għal garanziji standardizzati. L-informazzjoni ppubblikata għandha tinkludi informazzjoni dwar it-telf ekonomiku mġarrab minħabba diżastri u xokkijiet relatati mal-klima, inklużi l-kostijiet fiskali mġarrba mis-settur pubbliku u l-istrumenti użati biex jittaffew jew jiġu koperti. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika fil-kapital ta' korporazzjonijiet pubbliċi u privati fir-rigward ta' ammonti ekonomikament sinifikanti."

(14) L-Artikolu 14a. jiżdied kif ġej

"Artikolu 14a.

1. Sal-14 ta' Diċembru 20XX, il-Kummissjoni għandha tippubblika rieżami tal-effettività ta' din id-Direttiva.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar is-sitwazzjoni attwali u d-direzzjoni futura tal-kontabbiltà finanzjarja tas-settur pubbliku fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-progress li sar mill-valutazzjoni tagħha tal-2013 dwar l-adegwatezza tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku għall-Istati Membri."

(15) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 202x. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri biex, għalihom u fl-interessi tal-Unjoni, ifasslu t-tabelli ta'

korrelazzjoni proprji li, kemm jista' jkun, se juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku.
2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.
3. Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport interim ta' progress dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin ta' din id-Direttiva abbażi tal-informazzjoni rilevanti mill-Istati Membri, li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-14 ta' Diċembru 20XX.
4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva."

(16) L-Artikolu 16 jitħassar.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
## LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur Esther de Lange u r-rapporteur Margarida Marques jiddikjaraw li rċevew kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Tabella1. Input li rċeviet **Esther de Lange**

| **Entita u/jew persuna** |
|---|
| European Trade Union Confederation |
| European Environmental Bureau |
| Finance Watch |
| Social Platform |
| Business Europe |
| Sustainable Finance Lab |
| European Commission |
| European Central Bank |
| Dutch Ministry of Finance / Permanent Representation to the EU |
| German Ministry of Finance / Permanent Representation to the EU |
| Spanish Ministry of Finance / Permanent Representation to the EU |
| Portuguese Ministry of Finance / Permanent Representation to the EU |
| Danish Ministry of Finance / Permanent Representation to the EU |
| French Ministry of Finance / Permanent Representation to the EU |
| European Fiscal Board |
| Slovakian Ministry of Finance / Permanent Representation to the EU |
| Representation of Flanders to the EU |
| European Economic and Social Committee |
| Belgian Ministry of Finance / Permanent Representation to the EU |

Tabella 2. Input li rċeviet **Margarida Marques**

| **Entita u/jew persuna** |
|---|
| EU PRES SPAIN |
| EU PRES BELGIUM |
| European Commission |
| Council of the European Union |
| PERM REP ES / Finance Ministry |
| PERM REP BE / Finance Ministry |
| PERM REP FR / Finance Ministry |
| PERM REP SK /Finance Ministry |
| PERM REP PT / Finance Ministry |
| PERM REP NL / Finance Ministry |
| PERM REP DE / Finance Ministry |
| Bruegel |

| |
|---|
| Dezernat Zukunft |
| European Fiscal Board |
| Conselho de Finanças Publicas (PT Independent Financial Institution) |
| Foundation for European Progressive Studies |
| CEPS Think Tank |
| European Trade Union Confederation |
| Solidar |
| Finance Watch |
| Climate Action Network |
| German Council on Foreign Relations |
| Friedrich-Ebert Foundation |

Il-listi ta' hawn fuq huma mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteurs.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri |
| **Referenzi** | COM(2023)0242 – C9-0171/2023 – 2023/0136(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni** | 12.5.2023 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>12.6.2023 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>12.6.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | EMPL<br>29.6.2023 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Esther de Lange 30.5.2023<br>Margarida Marques 30.5.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 7.11.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 11.12.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 47<br>–: 12<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Manon Aubry, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Billy Kelleher, Georgios Kyrtsos, Aurore Lalucq, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Csaba Molnár, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Eva Maria Poptcheva, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Fabio Massimo Castaldo, Esther de Lange, Valérie Hayer, Eugen Jurzyca, Chris MacManus, Margarida Marques, Erik Poulsen, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | João Albuquerque, François Alfonsi, Theresa Bielowski, Sara Cerdas, Marie Dauchy, Andor Deli, Daniel Freund, Łukasz Kohut, Jeroen Lenaers, Lydie Massard, Maria Veronica Rossi, Vera Tax, Carlos Zorrinho |
| **Data tat-tressiq** | 15.12.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 47 | + |
|---|---|
| ECR | Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Bogdan Rzońca |
| NI | Andor Deli |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Markus Ferber, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Esther de Lange, Jeroen Lenaers, Aušra Maldeikienė, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Sirpa Pietikäinen, Ralf Seekatz, Eleni Stavrou |
| Renew | Gilles Boyer, Giuseppe Ferrandino, Valérie Hayer, Billy Kelleher, Georgios Kyrtsos, Caroline Nagtegaal, Eva Maria Poptcheva, Erik Poulsen |
| S&D | João Albuquerque, Theresa Bielowski, Sara Cerdas, Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Łukasz Kohut, Aurore Lalucq, Margarida Marques, Pedro Marques, Csaba Molnár, Joachim Schuster, Vera Tax, Carlos Zorrinho |
| Verts/ALE | François Alfonsi, Rasmus Andresen, Daniel Freund, Philippe Lamberts, Lydie Massard, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen |

| 12 | - |
|---|---|
| ECR | Denis Nesci, Dorien Rookmaker |
| ID | Marie Dauchy, Antonio Maria Rinaldi, Maria Veronica Rossi, Marco Zanni |
| NI | Fabio Massimo Castaldo, Lefteris Nikolaou-Alavanos |
| Renew | Engin Eroglu |
| The Left | Manon Aubry, José Gusmão, Chris MacManus |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni